

KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT**Dan JØRGENSEN****L-Enerġija u l-Akkomodazzjoni****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b' mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?

Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaq, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

L-Unjoni Ewropea kienet parti ċentrali mill-ħajja professjonali tiegħi kollha. Ġejt elett fil-Parlament Ewropew fl-elezzjoni ta' 29 sena, u kelli l-privileġġ nokkupa dan ir-rwol kważi 10 snin.

Bħala Membru tal-Parlament Ewropew, ksibt rispett kbir għall-Parlament Ewropew u r-rwol kruċjali tiegħu fit-tiswir tal-futur tal-Ewropa filwaqt li jħalli benefiċċji ta' għajnejha li-ċittadini tagħna. Ksibt għarfien fil-komplessitajiet tal-fassil tal-politika tal-UE u dan saħħaħ it-twemmin tiegħi fl-importanza li naħdmu flimkien biex niksbu riżultati sinifikanti.

Fl-2013 mort lura d-Danimarka bħala Ministru għall-Ikel, l-Agricoltura u s-Sajd sal-2015, u mbagħad ġejt elett fil-Parlament Daniż. Mill-2019 sa ftit ilu, l-ewwel kont Ministru għall-Klima, l-Enerġija u l-Utilitajiet u mbagħad Ministru għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Politika dwar it-Tibdil fil-Klima Globali responsabbli kemm biex nirrappreżenta lid-Danimarka fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'bosta konfigurazzjonijiet kif ukoll biex nimplimenta l-leġiżlazzjoni tal-UE. Dawn ir-rwoli wkoll għenuni nifhem sew kif id-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-livell tal-UE jaffettwaw lill-Istati Membri fil-proċess ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, iż-żmien tiegħi bħala Ministru għall-Enerġija matul il-kriżi enerġetika, ikkawżata mill-invażjoni Russa tal-Ukrajna, kien perjodu xejn faċli li ttestja l-kooperazzjoni nazzjonali u dik tal-UE fis-sigurtà tal-enerġija, u kkonferma l-importanza tat-tranżizzjoni tal-enerġija għar-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-UE.

Jekk ninħatar, nemmen li l-familjarità tiegħi kemm mal-Parlament Ewropew kif ukoll mal-Kunsill tista' tkun ta' vantaġġ fir-rwol ta' Kummissarju. Fl-istess ħin jien kompletament konxju wkoll li se jkun hemm ħafna attorni x'niġghallem f'din ir-responsabbiltà l-ġdida.

Dawn l-aħħar snin, kont ukoll involut attivament f'negozjati internazzjonali fil-kuntest tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC, UN Framework Convention on Climate Change) u f'organizzazzjonijiet bħall-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (IEA, International Energy Agency), il-Bank Dinji u l-Bank Afrikan tal-Iżvilupp. Dawn l-esperjenzi pprovdewli esponiment estensiv għad-diplomazija u għan-negozjati internazzjonali, li nittama li se jikkontribwixxi għall-ħidma li tagħmel il-Kummissjoni Ewropea biex tirrappreżenta l-UE fix-xena globali.

Il-kwestjonijiet dwar l-enerġija, il-klima u l-ambjent huma fil-qofol ta' dak li jimmotivani. It-tranżizzjoni ekoloġika mhijiex biss imperattiv ambjentali iżda wkoll opportunità soċjali u ekonomika. Tista' tixpruna l-kompetittività, toħloq impjiegi u tipprovdi lil aktar Ewropej b'aċċess għal enerġija nadifa u affordabbli u akkomodazzjoni aktar sostenibbli u affordabbli, filwaqt li tiżgura li ħadd ma jitħalla lura. Ħdimt favur dan l-għan fid-Danimarka, b' mod partikolari permezz tal-Att Daniż dwar il-Klima u tan-negozjati ta' bosta ftehimiet politiċi dwar l-enerġija. L-

enerġija u l-akkomodazzjoni huma oqsma ta' politika kumplessi u multidimensjonali li jirrikjedu fehim profond tad-dimensjoni teknika kif ukoll ta' dik politika. Żgur li għandi ħafna aktar x'nitgħallem. Madankollu, nemmen li l-esperjenza tiegħi għandha tippermettini li nikkontribwixxi b'mod effettiv, filwaqt li nibqa' miftuħ għall-għarfien espert u l-gwida tal-kollegi tiegħi u tabilħaqq tal-Membri tal-Parlament Ewropew.

Kif enfasizzat fil-Linji Gwida Poliċi tal-Kummissjoni, l-enerġija hija pilastru fundamentali fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin li tiffaċċja l-UE: l-għoli tal-ħajja u l-faqar enerġetiku; il-kompetittività tan-negozji Ewropej u l-impjegi ekoloġiċi għall-ħaddiema tal-Ewropa; it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tagħna; l-iżgurar tal-provvista ta' enerġija nadifa u affordabbli filwaqt li tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika; u t-tisħiħ tar-rwol ġeopolitiku tal-UE fid-diplomazija dwar l-enerġija, ibda mill-Ukrajna u l-viceinat Ewropew.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, inqis li jkun l-obbligu tiegħi li nindirizza dawn l-isfidi b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissarji kollegi tiegħi sabiex nikkontribwixxi għall-bini ta' Ewropa aktar sostenibbli, prospera u kompetittiva, għat-tisħiħ tas-sovrani tagħna u tas-soċjetajiet tagħna filwaqt li nippreserva u nsahħa il-mudell soċjali tagħna.

Peress li l-isfidi kollha huma marbuta ma' xulxin, hekk għandhom ikunu wkoll il-politiki u l-azzjonijiet li rridu nieħdu biex nindirizzawhom, pereżempju:

- it-tisħiħ tal-investimenti f'enerġija nadifa, ibda mill-implimentazzjoni tal-qafas legali għall-2030, it-tisħiħ tal-kompetittività industrijali u t-tnaqqis tal-għoli tal-ħajja u tal-produzzjoni għall-unitajiet domestiċi u n-negozji Ewropej. Dan se jsir permezz ta' eż. il-Patt Industrijali Nadif, il-Pjan ta' Azzjoni dwar Prezzijiet tal-Enerġija Affordabbli u l-Istrateġija ta' Investiment Nadif u billi tissaħħa l-Unjoni tal-Enerġija b'governanza robusta flimkien mal-Istati Membri tal-UE.
- l-iżgurar ta' tranżizzjoni tal-enerġija soċjali, ġusta u kompetittiva permezz ta' ħidma mal-industrija tal-enerġija Ewropea u mat-trade unions biex it-tranżizzjoni tkun soċjalment inklużiva u ekonomikament vijabbli.
- it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u d-dekarbonizzazzjoni ulterjuri tas-sistema tal-enerġija tagħna, filwaqt li jitwettaq l-Patt Ekoloġiku Ewropew lejn in-newtralità klimatika fl-2050.
- il-kontribut lejn it-tnaqqis tal-prezzijiet billi nagħornaw l-infrastruttura tagħna tal-grilja u nibnu sistema tal-enerġija sigura, reżiljenti u interkonnessa. Dan jiġi appoġġat minn Pjan ta' Azzjoni dwar l-Eletrifikazzjoni, u pjan direzzjonali biex jintemmu l-importazzjonijiet tal-enerġija Russa.
- it-tisħiħ tad-diplomazija dwar l-enerġija tal-Ewropa, kemm fil-viceinat tagħna, billi naħdmu mal-Ukrajna u fuq id-dimensjoni tal-enerġija tat-tkabbir - kif ukoll fix-xena globali.

Filwaqt li nesploraw is-sinerġiji sħaħ fil-portafoll tiegħi tal-“enerġija” u l-“akkomodazzjoni”, inressqu Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli biex nappoġġaw lill-miljuni ta' żgħażaġh u familji li jsibuha diffiċli isibu akkomodazzjoni affordabbli, u nfitxu l-appoġġ tal-Parlament Ewropew tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Se nenfasizza ħafna l-effiċjenza enerġetika tal-bini u nikkontribwixxi għall-ewwel strateġija tal-UE kontra l-Faqar b'azzjonijiet konkreti biex niksbu riżultati tanġibbli bħat-tnaqqis tal-kostijiet tal-enerġija u tal-faqar enerġetiku fl-Ewropa kollha. Dan mhux biss se jsahħa il-koeżjoni soċjali tagħna iżda jikkontribwixxi wkoll għat-tkabbir ekonomiku tagħna u għall-kompetittività lejn Ewropa aktar sostenibbli u prospera.

Il-politiki tal-UE ikunu verament ta' benefiċċju għaċ-ċittadini Ewropej biss jekk ikunu jirriflettu d-diversità fil-kontinent kollu tagħna u jekk jitwettqu b'approċ inklużiv. Il-ġeneru huwa element importanti hawnhekk, hekk kif inhuma r-razza, l-orjentazzjoni sesswali, l-isfond soċjoekonomiku, id-diżabbiltajiet, l-età u l-konvinzjonijiet. Se nappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea dwar il-Ġeneri għall-2020-2025 fl-oqsma kollha taħt il-kompetenza tiegħi u nqis kif dovut ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew. B'attenzjoni għall-perspettiva tal-ġeneru fl-ambitu tar-responsabbiltà tiegħi, se nistinka biex niżgura li dan l-imperattiv jiddaħħal bis-sħiħ fl-inizjattivi kollha tiegħi. Barra minn hekk, se niżgura li fit-tim tiegħi stess ikun hemm bilanċ bejn il-ġeneri.

Il-politiki tal-lum, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-akkomodazzjoni, il-bini, kif ukoll is-sors ta' enerġija rinnovabbli, it-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ħafna aktar, se jkollhom impatt fuq il-ħajjiet tal-ġenerazzjoni tal-lum ta' żgħażaġh u fuq il-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Bħala eks Membru tal-Parlament Ewropew żaġhżuġh, se niżgura li l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh tkun fil-qalba tal-attività tiegħi. Se nospita Djalogi annwali dwar il-Politika taż-Żgħażaġħ, fl-ewwel 100 jum tal-mandat tiegħi, biex nagħti liż-żgħażaġh opportunità regolari biex jirkollmu miegħi dwar suġġetti u inizjattivi ewlenin tal-portafoll tiegħi. Se nappoġġa ulterjorment il-[programm tal-Ambaxxaturi Żgħażaġħ tal-Enerġija](#) biex noħloq komunità ta' żgħażaġh li jkunu qed imexxu t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa

Se naġixxi f'konformità shiġha fil-kelma u fl-ispirtu tat-Trattati u tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji. Mhux se nieħu struzzjonijiet minn xi gvern jew xi entità oħra, u dejjem se naġixxi fl-interess Ewropew. Se nitkellem maċ-ċittadini u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti. U se nibbaża ħidmieti fuq il-fatti, insewgi x-xjenza u niġi ggwidat mill-fatti. Qiegħed nintrabat nimxi mal-ogħla standards ta' etika u nirrispetta bis-shiġh l-ittra u l-ispirtu tat-Trattati tal-UE u l-obbligu li naġixxi fl-interess Ewropew. Fil-każ li sseħħ sitwazzjoni li tista' twassal għal kunflitt ta' interess, jew fejn l-imparzjalità tiegħi tista' tiġi ddubitata, se ninforma minnufih lill-President tal-Kummissjoni. Id-dikjarazzjoni tal-interessi tiegħi hija pubblika u kompluta, u nintrabat li niżgura li din tiġi aġġornata jekk jinbidlu ċ-ċirkostanzi personali tiegħi.

2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Tista' timpenja ruġhek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?

Liema impenji speċifiċi lest li tiegħu fir-rigward tal-involviment u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizzjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizzjattivi pjanati jew il-proċeduri attwali, lest tippovdi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?

Fid-dawl tal-esperjenza tiegħi bħala Membru tal-Parlament Ewropew u Ministru nazzjonali fil-passat, jien konxju tar-rwol deċiżiv li l-Parlament jaqdi bħala koleġiżlatur, inkluż fl-enerġija u l-akkomodazzjoni. Jekk niġi kkonfermat mill-Parlament Ewropew, se nintrabat bis-shiġh għall-aktar kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjoni tagħkom fil-kwistjonijiet kollha li jaqgħu fil-portafoll tiegħi.

Konkretament, niżgura l-ogħla livell ta' impenn mal-Parlament Ewropew b'mod miftuħ u trasparenti, filwaqt li nikkoopera in bona fide u b'rispett shiġh tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet u tal-Ftehim Qafas bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. Anki abbażi tal-esperjenza tiegħi bħala Membru tal-Parlament Ewropew, nemmen li din il-kooperazzjoni mill-qrib hija strumentali biex jinbena kunsens fid-dawl ta' inizzjattivi futuri, biex naħdmu b'mod effiċjenti u mill-qrib u għaċ-ċittadini Ewropej tagħna.

Il-Parlament Ewropew huwa l-unika istituzzjoni eletta direttament li tirrappreżenta liċ-ċittadini Ewropej li lilhom nixtieq inservi. Għalhekk naturalment nixtieq nagħti u se nagħti rendikont lilkom.

Se nkun preżenti regolarment fil-kumitati plenarji u fil-kumitati rilevanti u niggarrantikom djalogu sostantiv u kostruttiv miegħi. Fil-politika dwar l-enerġija, il-Kumitat ITRE jista' jkun interlokutur ewlieni, u se naħdem ukoll mill-qrib mal-Membri tal-Parlament Ewropew f'kumitati oħrajn. Biex tinbena politika Ewropea tal-akkomodazzjoni, il-Kumitat EMPL, li diġà involva ruħu f'dan is-suġġett importanti, se jkun sieħeb ċentrali partikolarment flimkien mal-kumitati IMCO u REGI. Madankollu, kumitati oħrajn jistgħu u se jkunu rilevanti biex jaħdmu fuq kwistjonijiet differenti.

Jiena nassumi responsabbiltà politika għall-attivitajiet fil-qasam ta' kompetenza tiegħi u ninforma regolarment lill-Parlament dwar l-azzjonijiet li jkunu ġejjin, u b'hekk insaħħaħ il-fiduċja reċiproka, it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni. Fl-interess tal-UE u taċ-ċittadini tagħna, niggarrantikom li nisma' attentivament il-fehmiet tagħkom u nservi bħala negozjatur onest, infittex li nibni kunsens u nsib kompromessi bbilanċjati f'kull pass tal-proċeduri leġiżlattivi.

F'konformità mal-Ftehim Qafas, nintrabat ukoll li nagħmel ħilti biex niżgura li r-rispons tal-Kummissjoni għar-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew jasal fi żmien 3 xhur. Lest li nikkontribwixxi għas-segwitu tal-inizzjattivi li jieħu l-Parlament fil-qafas tal-Artikolu 225 tat-TFUE. Naċċetta talbiet għal laqgħat, ittri u mistoqsijiet mill-Membri tal-Parlament sal-potenzjal massimu tiegħi u malajr kemm jista' jkun. Nintrabat ukoll li nikkontribwixxi għall-eżerċizzju pluriennali ta' programmar fil-bidu ta' dan it-terminu ġdid u għad-“Dikjarazzjoni Konġunta tal-Prijoritajiet tal-UE”. Nibqa' wkoll determinat li niskambja informazzjoni u fehmiet dwar il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni kif maqbul skont il-Ftehim Qafas.

Naċċertakom li jekk dan il-Parlament japprovani bħala Kummissarju, fl-iskambji tagħna u fil-koperazzjoni ta' bejnietna l-ispirtu personali u devot tiegħi ikun b'saħħtu daqs it-test ta' dan il-qafas formali, jekk mhux iktar.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

3. *Ħafna nies ibatu minn nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli. Kif se tiżgura li l-ewwel Pjan Ewropew li qatt kien hemm għal Akkomodazzjoni Affordabbli, imħabbar mill-President elett tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen, se jipprovi biżżejjed akkomodazzjoni affordabbli b'rispons għall-ħtiġijiet ta' akkomodazzjoni tal-gruppi b'introjtu baxx u medju? X'azzjonijiet konkreti qed tipprevedi, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-Pjan jippermetti l-investiment pubbliku u privat meħtieġ biex jipprovi akkomodazzjoni affordabbli u aċċessibbli u opportunitajiet għal kulħadd? Kif se tiggarrantixxi l-prinċipju "l-akkomodazzjoni l-ewwel" peress li dan wera li huwa effettiv kemm f'termini ekonomiċi kif ukoll soċjali biex tintemm il-problema ta' persuni mingħajr dar? X'inhu l-approċċ tiegħek rigward il-proprjetà privata fil-kuntest ta' kwalunkwe azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-akkomodazzjoni? F'dan il-kuntest, kif se tiżgura kooperazzjoni mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv innominat Mînzatu?*

Biex nindirizzaw il-kriżi tal-akkomodazzjoni neħtieġu soluzzjonijiet lokali, nazzjonali u Ewropej. Jekk niġi kkonfermat bħala l-ewwel Kummissarju b'portafoll iddedikat dwar l-akkomodazzjoni, se naħdem id f'id mal-Parlament Ewropew, mal-Istati Membri, mal-awtoritajiet lokali, u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex nagħmel differenza pożittiva għan-nies, b'mod partikolari ż-żgħażaġh u l-familji li jitħabtu biex isibu akkomodazzjoni affordabbli fl-Ewropa kollha.

F'konformità mal-Ittra ta' Missjoni tiegħi, il-Kummissjoni se tressaq l-ewwel Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli. Il-pjan se joffri assistenza teknika lill-bliet u lill-Istati Membri, jipromwovi l-investimenti u jiffoka fuq il-ħiliet meħtieġa fis-settur tal-akkomodazzjoni. Se jinkludi wkoll strateġija għall-konstruzzjoni tal-akkomodazzjonijiet biex tingħata spinta b'mod partikolari lill-provvista tal-akkomodazzjonijiet (ara aktar dettalji fil-mistoqsija 11). Biex niżviluppaw il-pjan, se nibbażaw ruħna fuq esperjenzi eżistenti bħall-Inizjattiva Ewropea dwar l-Akkomodazzjoni Affordabbli, li tistessja r-rinnovazzjoni inklużiva ta' 100 "Distrett Fanal" fl-Ewropa kollha. Waħda mit-tagħlimiet ewlenin li nislet minnha hija l-importanza ta' approċċ inklużiv li jinvolvi lill-Parlament Ewropew u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra kollha – is-settur pubbliku u privat, in-naħa tal-provvista u tad-domanda. Għalhekk se nfassal il-pjan f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha fis-settur tal-akkomodazzjoni.

L-istabbiliment ta' kollaborazzjoni aħjar mal-partijiet ikkonċernati tal-ekosistema tal-akkomodazzjoni se jkun prijorità għalija. Biex tappoġġa l-ħdma se jkun hemm Task Force dedikata li tinvolvi s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni. Dan se jiżgura approċċ koerenti bejn il-politiki kollha u l-finanzjament kollu li jistgħu jappoġġaw il-pjan, u se jkun approċċ li jgħin biex jibni fuq il-ħidma u l-analiżi li saru s'issa. Irridu wkoll nimplementaw bis-sħiħ l-għodod il-ġodda introdotti fil-leġiżlazzjoni reċenti dwar il-bini. Djalogu mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali se jkun essenzjali f'dan ir-rigward. Se nappoġġaw il-ħidma tal-Kummissarju għan-Negozji Ġodda, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni billi nkabbru l-komunità tal-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida f'dan il-kuntest.

Biex tittejjeb l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, huwa kruċjali li jiġu mobilizzati riżorsi pubbliċi u privati addizzjonali. Diġà hemm strumenti fil-livell tal-UE biex jattiraw investimenti f'akkomodazzjoni affordabbli u soċjali bħall-programm InvestEU. Se nisfruttaw din l-esperjenza biex nistabbilixxu pjattaforma ta' investiment pan-Ewropea għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli, li taħdem mal-Bank Ewropew tal-Investiment kif ukoll ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, banek promozzjonali nazzjonali, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Barra minn hekk, f'konformità mal-Ittra ta' Missjoni, se nappoġġa lill-Viċi President Eżekuttiv għall-Koeżjoni u r-Riformi biex niżviluppa proposta li tippermetti lill-Istati Membri jinnettaw il-likwidità fis-suq tal-akkomodazzjoni u jirduppjaw l-investimenti ppjanati tal-politika ta' koeżjoni f'akkomodazzjoni affordabbli (ara aktar dettalji fil-mistoqsija 12). Se nappoġġa wkoll lill-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva biex jiġu riveduti r-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat biex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri ta' appoġġ għall-akkomodazzjoni, b'mod partikolari għall-akkomodazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija u soċjali (ara aktar dettalji fil-mistoqsijiet 5 u 9). L-introduzzjoni rapida u effettiva tal-Fond Soċjali għall-Klima se tkun ċentrali għal dan l-isforz ukoll.

Fl-UE, madwar miljun persuna huma mingħajr dar, u n-numri ilhom jiżdiedu f'ħafna Stati Membri f'dawn l-aħħar snin. Il-Kummissjoni diġà qed tappoġġa lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha taħt il-kappa tal-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Kundizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar. L-istrateġiji marbuta ma' L-Akkomodazzjoni l-Ewwel li jiprijoritizzaw il-forniment ta' akkomodazzjoni permanenti lil persuni mingħajr dar, akkumpanjati minn appoġġ soċjali, urew li huma approċċ effettiv u kosteffiċjenti ħafna biex tiġi indirizzata l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni. Dan l-approċċ qed jiġi integrat progressivament fl-istrateġiji nazzjonali għall-ġlieda kontra l-problema ta' persuni mingħajr dar. Il-finanzjament tal-UE qed jappoġġa wkoll strateġiji tal-akkomodazzjoni l-ewwel, pereżempju permezz tal-Fond Soċjali Ewropew Plus. Se nħarsu lejn dawn l-esperjenzi biex nibnu l-ewwel Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli li qatt sar, biex nindirizzaw il-ħtiġijiet ta' ċittadini kollha, inklużi dawk l-aktar vulnerabbli.

Ir-responsabbiltajiet għall-protezzjoni tal-proprjetà privata u l-għieda kontra l-okkupazzjoni illegali jinsabu primarjament fil-livell nazzjonali. F'dan il-qasam, huma għalhekk l-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħhom, li għandhom jiżguraw li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati u protetti b'mod effettiv. B'mod aktar ġenerali, il-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli se jaħdem biex jistimula investiment privat akbar fil-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli, li jiddependi *inter alia* fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-proprjetà privata.

Taħt it-tmexxija tal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza, il-Kummissjoni se tnedi l-ewwel Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar biex tgħin lin-nies jaċċessaw is-servizzi essenzjali u l-protezzjoni li jeħtieġu u tindirizza l-kawżi ewlenin tal-faqar. Se naħdem mill-qrib haġna mal-Viċi President Eżekuttiv biex niżgura sinerġiji massimi bejn il-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli u l-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar. L-istess japplika għall-Unjoni tal-Ħiliet, inkluża l-istrateġija Ewropea l-ġdida għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), li tista' tkun partikolarment rilevanti biex jissaħħu l-ħiliet fis-settur tal-kostruzzjoni.

4. L-ittra ta' missjoni tiegħek tindika li xogħlok se jgħin biex il-faqar enerġetiku jiġi indirizzat u biex tranżizzjoni soċjali, ġusta u kompetittiva tiġi żgurata. Liema politiki beħsiebek timplimenta biex tiproteġi lil dawk l-aktar milquta mill-faqar enerġetiku, filwaqt li tiżgura rinnovazzjoni affordabbli u aċċess għal akkomodazzjoni ekoloġika? Il-Pjan ta' Azzjoni għal Prezizzjiet tal-Enerġija Affordabbli kif se jindirizza l-faqar enerġetiku? X'inċentivi speċifiċi qed tipprevedi biex trawwem l-iżvilupp fit-tul ta' akkomodazzjoni soċjali u pubblika ekoloġiċi, ta' bini ekoloġiku u t-tnaqqis tal-ispejjeż tal-enerġija kemm għas-sidien kif ukoll għall-kerrejja?

Ħadd ma għandu jitħalla lura: dan huwa l-prinċipju ewlieni ta' tranżizzjoni tal-enerġija soċjali, ġusta u kompetittiva. Mill-kriżi tal-enerġija, il-faqar enerġetiku żdied u fl-2023, 47 miljun ċittadin tal-UE (10,6 % tal-popolazzjoni tal-UE) ma setgħux iżommu djarhom sħan b'mod adegwat. L-indirizzar tal-faqar enerġetiku huwa komponent ewlieni ta' tranżizzjoni ġusta u se jkun importanti fil-politika tal-akkomodazzjoni futura tagħna. Il-protezzjoni ta' dawk f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku, tal-gruppi u r-regġuni vulnerabbli, u b'mod partikolari tar-regġuni tal-faħam fi tranżizzjoni, sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha jibbenefikaw mit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, hija kruċjali.

L-effiċjenza enerġetika u l-apparat effiċjenti fl-użu tal-enerġija jista' jkollhom rwol ewlieni biex itaffu l-faqar enerġetiku, billi jnaqqsu d-domanda għall-enerġija, inaqqsu l-kont tal-enerġija għall-konsumaturi u jagħmlu l-enerġija aktar affordabbli għan-nies u għan-negozji. Aktar kmieni din is-sena, il-Panel ta' Ċittadini Ewropej dwar l-Effiċjenza Enerġetika pprova rakkomandazzjonijiet utli, bħall-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi biex isiru effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'mod partikolari bit-tikketti tal-prodotti li jipprovdu informazzjoni dwar il-konsum tal-enerġija ta' prodott, jew permezz ta' appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali biex dan isir aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Se nivvaluta kif dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jiġu implimentati bl-aħjar mod matul dan il-mandat.

Kemm il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-faqar enerġetiku tal-2023, kif ukoll il-Fond Soċjali għall-Klima, jirrikonoxxu l-hteġa urġenti li jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku u jiġu protetti dawk l-aktar milquta minnu. Id-Direttiva riformulata dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija tenfasizza l-hteġa li l-Istati Membri jagħtu prijorità lill-faqar enerġetiku fil-miżuri u l-investimenti tal-effiċjenza enerġetika tagħhom. Barra minn hekk, ir-riforma tat-Tfassil tas-Suq tal-Elettriku, li daħlet fis-seħħ f'Lulju, tistabbilixxi l-obbligu li l-persuni foqra fl-enerġija jiġu protetti mill-qtugħ tal-elettriku. L-inizjattiva tar-Regġuni tal-Faħam fi Tranżizzjoni u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta diġà jappoġġaw komunitajiet u regġuni intensivi fil-faħam u l-karbonju, bl-għan partikolari li joħolqu impjiegi f'reġjuni fejn impjiegi oħra jistgħu jkunu qed jgħibju.

Il-Pakkett dwar l-Enerġija għaċ-Ċittadini se jindirizza l-faqar enerġetiku u se jgħin biex jiġi żgurat li l-enerġija tkun aċċessibbli għal kulħadd. Fil-qalba ta' dan il-Pakkett se jkun hemm sħubija msaħħa mal-Istati Membri biex jittejjeb l-aċċess għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika fil-bini, fil-mikrointrapriżi u fl-SMEs kif ukoll għall-enerġija rinnovabbli. Il-Pakkett dwar l-Enerġija għaċ-Ċittadini se jappoġġa wkoll l-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar u se jikkontribwixxi għall-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli. Lil hinn mill-kwistjoni tal-affordabbiltà, l-unitajiet domestiċi vulnerabbli spiss ma jkollhomx aċċess għall-informazzjoni u l-finanzjament għat-titjib fl-effiċjenza enerġetika. Permezz ta' Ċentru ta' Konsulenza għall-Faqar Enerġetiku – propost u ffinanzjat mill-Parlament Ewropew – se nkomplu niżguraw li l-awtoritajiet u l-komunitajiet lokali jirċievu appoġġ tekniku biex jiżviluppaw u jimplimentaw miżuri effettivi.

Il-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli (ara t-tweġiba għall-mistoqsija 8) se jappoġġa modi ġodda ta' konsum tal-enerġija bbażati fuq il-komunitajiet tal-enerġija lokali u l-kondiviżjoni tal-enerġija. Neħtieġu

azzjonijiet u riżultati konkreti fil-prattika, u se naħdem mal-partijiet ikkonċernati kollha biex niżgura li prodotti u servizzi innovattivi tal-enerġija jkunu disponibbli għall-konsumaturi individwali u korporattivi.

Biex nappoġġa dawn l-isforzi, se naħdem mill-qrib, jekk niġi kkonfermat, mal-Kummissarji kolleġi tiegħi biex niżgura li l-Fond Soċjali għall-Klima u l-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni jagħtu l-appoġġ finanzjarju meħtieġ biex jipproteġu lil dawk l-aktar vulnerabbli.

L-ippjanar robust huwa strumentali għat-trawwim tal-iżvilupp ta' akkomodazzjoni u bini ekoloġiċi. B'mod konkret, il-Pjanijiet Nazzjonali ta' Rinnovazzjoni tal-Bini previsti fir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija se jipprovdu direzzjoni ċara għall-atturi tas-suq, inklużi l-industrija tal-konstruzzjoni u l-istituzzjonijiet finanzjarji. Dan jista' wkoll itaffi r-riskju ta' politiki intermittenti li sfortunatament għamlu ħsara lis-settur tal-bini fil-passat.

Kif stabbilit fid-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija u fid-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija, l-inċentivi finanzjarji nazzjonali se jkollhom jiffukaw, bħala prijorità, fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, inklużi l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku u l-persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. Iċ-ċittadini f'faqar enerġetiku spiss ikunu qed jgħixu fil-binjiet bl-aġħar rendiment tal-enerġija u bl-inqas insulazzjoni fl-UE, u dawn jeħtieġ jiġu rinnovati bħala kwistjoni ta' prijorità. Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet residenzjali għandha tinkludi sehem rappreżentattiv ta' binjiet mikrijin, sabiex l-inkwilini jkunu jistgħu jibbenefikaw minn kontijiet tal-enerġija aktar baxxi u djar aħjar. Se nindirizza l-ostakli għall-ġenerazzjoni deċentralizzata u lokali ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli biex nipromwovi l-iżvilupp ta' dan is-settur. Dawn il-kunsiderazzjonijiet se jkunu ċentrali għall-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli.

Fl-aħħar nett, se naħdem mal-partijiet ikkonċernati b'mod ġenerali biex nindirizza l-faqar enerġetiku u nrawwem l-iżvilupp fit-tul ta' akkomodazzjoni ekoloġika, soċjali u pubblika.

5. L-ittra ta' missjoni tiegħek tagħtik struzzjonijiet biex tappoġġa lill-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva ħalli ssir ħidma fuq ir-riforma tar-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat bil-għan li din tippermetti miżuri ta' appoġġ għall-akkomodazzjoni, b'mod partikolari l-akkomodazzjoni soċjali. X'bidliet qed tipprevedi fir-regoli tal-UE dwar l-ġhajjnuna mill-Istat u fid-definizzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali fil-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SGI) sabiex jiġi żgurat li l-akkomodazzjoni tiġi eskluża mir-regoli tas-suq u li tiġi pprovduta biżżejjed akkomodazzjoni soċjali? Bħala Kummissarju, se tagħmel hilek biex tikseb eżenzjonijiet espliċiti mir-regoli fiskali għall-investment tal-istat fl-akkomodazzjoni?

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, f'konformità mal-Ittra ta' Missjoni tiegħi, se nappoġġa lill-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva fil-kompitu tagħha li tressaq regoli riveduti dwar l-ġhajjnuna mill-Istat biex ikunu jistgħu jittieħdu aktar faċilment miżuri ta' appoġġ għall-akkomodazzjoni, speċjalment għal akkomodazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija affordabbli u akkomodazzjoni soċjali.

Skont ir-regoli eżistenti dwar l-ġhajjnuna mill-Istat, hemm diversi modi kif l-Istati Membri jistgħu jappoġġaw l-aċċess għall-akkomodazzjoni. Xi miżuri jistgħu ma jgħoddux bħala ġhajjnuna mill-Istat skont il-liġi tal-UE, inklużi dawk li huma ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi u għaċ-ċittadini tal-UE direttament. Miżuri oħra huma adattati għar-reġim tas-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali, jew jaf jinstabu li huma direttament kompatibbli mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Ir-regoli attwali dwar is-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali jippermettu lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri ta' akkomodazzjoni soċjali, jiġifieri akkomodazzjoni soċjali għal ċittadini żvantaġġati jew gruppi soċjalment inqas vantaġġati. Barra minn hekk, ir-regoli eżistenti dwar l-ġhajjnuna mill-Istat jippermettu wkoll lill-Istati Membri jappoġġaw l-iżvilupp ta' akkomodazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

Filwaqt li l-ħtieġa politika għal aktar azzjoni li tippermetti akkomodazzjoni affordabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija hija urġenti u ċara, l-iskambji tal-Kummissjoni mal-Istati Membri sal-lum urew li r-reviżjoni tar-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat għal akkomodazzjoni affordabbli hija kwistjoni multidimensjonali u hija meħtieġa valutazzjoni ulterjuri dwar kif nistgħu niksbu bl-aħjar mod l-ambizzjonijiet tagħna. Fit-twertiq ta' dan l-eżerċizzju, jeħtieġ li nilħqu l-bilanċ it-tajjeb biex nevitaw l-esklużjoni tal-investment privat u nfixx l-kompetizzjoni fis-suq tal-akkomodazzjoni bla bżonn u niżguraw appoġġ adegwat għall-akkomodazzjoni soċjali għal dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà, li tibqa' responsabbiltà ewlenija tal-gvernijiet bħala parti mill-kuntratt soċjali.

Se naħdem mal-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva biex nibni fuq il-bażi tal-ħidma li saret biex jiġi ddeterminat liema bidliet konkreti fir-regoli tas-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali u fil-gwida ta' akkompanjament jistgħu jiġu implimentati biex jinkoraġġixxu l-investment u jiżguraw l-

affordabbiltà tal-akkomodazzjoni għal kulħadd, filwaqt li nżomm lill-Parlament Ewropew infurmat mill-qrib. Ir-reviżjoni ta' dawn ir-regoli hija parti minn sett usa' ta' inizjattivi inklużi fil-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli li jmiss, li se nressaq flimkien mal-Membri rilevanti tal-Kulleġġ.

Ir-regoli fiskali komuni għadhom kif ġew riformati. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda daħlu fis-seħħ fit-30 ta' April 2024 u jsibu bilanċ tajjeb bejn il-ftieġa li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn u l-ftieġa għal investimenti u riformi biex jiġi żgurat tkabbir sostenibbli u inklużiv. Ir-regoli fiskali ma jipprevedux eżenzjonijiet espliċiti għal kwalunkwe tip ta' nefqa, iżda d-definizzjoni tal-indikatur tan-nefqa netta teskludi n-nefqa f'imgħax, in-nefqa fuq il-programmi tal-Unjoni mqabbla bis-sħiħ mad-dħul mill-fondi tal-UE u l-kofinanzjament nazzjonali tal-programmi ffinanzjati mill-Unjoni. Din kienet għażla intenzjonata tal-koleġislaturi. Novità tad-dispożizzjonijiet il-ġodda hija li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jagħżlu perkors ta' aġġustament fiskali itwal dment li dan ikun sostnut minn impenji kredibbli għall-investimenti u r-riformi. Dan l-approċċ joħloq ftit spazju fiskali li l-Istati Membri jistgħu jużaw biex jippromwovu l-investment.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

6. X'inhil l-viżjoni li għandek għall-portafoll tiegħek lil hinn mill-ittra ta' missjoni tiegħek, u x'legat tixtieq tħalli warajk? Liema proposti leġiżlattivi u inizjattivi oħra se tissuġġerixxi lill-Kulleġġ tal-Kummissarji biex jiġu adottati fil-ħames snin li ġejjin u b'mod partikolari fl-ewwel 100 jum? Kif se tiżgura li dawn il-proposti, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, isaħħu l-kompetittività Ewropea? Beħsiebek tibbaża dawkl il-proposti leġiżlattivi fuq valutazzjonijiet tal-impatt iddedikati? Kif qed tippjana li tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-leġiżlazzjoni kollha relatata mal-enerġija? Kif se tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fid-deċiżjonijiet ta' pplanar, ta' politika u ta' investment maġġuri? Xi rwol tara għall-effiċjenza enerġetika biex isaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tal-UE? X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija? Kif tara r-rwol tan-newtralità teknoloġika fis-settur tal-enerġija? X'inhil l-fehma tiegħek dwar l-enerġija nukleari u r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (SMRs)? Kif qed tippjana li tavvanza l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija? Kif beħsiebek isaħħaħ il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fix-xogħol tiegħek?

L-enerġija hija ċentrali biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed tiffaċċja l-Ewropa: is-sigurtà, inklużi s-sigurtà ekonomika, l-għoli tal-ħajja u l-kompetittività, u t-tibdil fil-klima, li din is-sena kellhom impatt fuq il-ħajja fl-Ewropa kollha. L-objettiv ewlieni tiegħi huwa li niżgura provvisti ta' enerġija nadifa u affordabbli li huma kritiċi għall-kompetittività, għas-sigurtà u għall-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni Ewropej, permezz ta' Unjoni tal-Enerġija robusta. Fl-istess ħin, it-tranżizzjoni jeħtieġ li tkun ġusta għaċ-ċittadini tagħna, b'mod partikolari f'termini ta' impjegji u kostijiet, inkluż akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli.

Bħala parti mill-Patt Industrijali Nadif, jekk niġi kkonfermat se nipproponi Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli fl-ewwel 100 jum (ara t-tweġiba għall-mistoqsija 8) li jstabbilixxi pjan ta' ħidma biex jiġi żgurat aċċess għal enerġija orħos permezz ta' investimenti, infrastruttura u kooperazzjoni biex jitnaqqsu l-kostijiet tas-sistema. Se nipproponi wkoll Pjan Direzzjonali biex jintemmu l-importazzjonijiet tal-enerġija mir-Russja. Matul il-mandat, aktar inizjattivi li jikkontribwixxu għall-kompetittività, għas-sigurtà u għall-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni se jinkludu rieżami tal-qafas tas-sigurtà tal-provvista u Strateġija ta' Investment għal Enerġija Nadifa biex tingħata spinta lis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, lill-effiċjenza enerġetika u lill-infrastruttura tal-enerġija. Pjan ta' Azzjoni għall-Elettrifikazzjoni kif ukoll approċċ strateġiku għat-tisħin u għat-tkessiħ se jikkontribwixxu biex jagħmlu l-enerġija aktar affordabbli wkoll. Filwaqt li naħdem flimkien mal-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif, se nressaq qafas biex jitnaqqas u jiġi eliminat gradwalment l-użu tas-sussidji għall-fjuwils fossili.

Se nkompili bit-tmexxija globali tal-Ewropa fit-tranżizzjoni tal-enerġija, filwaqt li nibni fuq l-inizjattivi tal-Ewropa biex inżidu l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika globalment, u ngħin biex nistabbilixxu l-viżjoni globali tagħna dwar il-klima u l-enerġija għall-COP30 fil-Brażil u lil hinn minnu. Barra minn hekk, il-kompetittività tagħna hija relatata mill-qrib mal-awtonomija strateġika miftuħa tagħna. Irridu nevitaw li nissostitwixxu d-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili b'dipendenza oħra fuq teknoloġiji nodfa importati u materja prima kritika importata.

Matul il-mandat tiegħi, se nagħti attenzjoni lill-impatti tal-leġiżlazzjoni li ressaqt lill-Kulleġġ skont il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, filwaqt li nqis l-isfidi u l-objettivi, il-kompromessi, l-għażliet għall-azzjoni u l-impatti potenzjali tagħhom, filwaqt li nrawwem is-simplifikazzjoni u dan kollu abbażi ta' konsultazzjonijiet pubbliċi strutturati tajjeb u mekkaniżmi ta' feedback.

Aġenda Ewropea aktar b'saħħitha għall-industrija u l-kompetittività tista' tirnexxi biss jekk timxi id f'id mal-implimentazzjoni tal-politika tal-enerġija diġà miftiehma.

L-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni relatata mal-enerġija li għadha kif ġiet adottata hija prijorità politika, u jeħtieġ li nwettqu l-oġġettivi tagħna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u niżguraw li ċ-ċittadini u l-komunitajiet jaħsdu l-benefiċċji fil-prattika. Se nissorvelja u nappoġġja b'mod attiv l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-qafas tal-2030, filwaqt li naħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri, iżda wkoll mal-bliet u mar-reġjuni, biex niżgura li ninsabu fit-triq it-tajba lejn il-miri kollettivi tagħna dwar l-enerġija u l-klima għall-2030 u lil hinn. Dan l-isforz ta' implimentazzjoni se jinkludi s-segwitu tal-valutazzjoni tal-Pjanijiet finali għall-Enerġija u l-Klima u l-organizzazzjoni ta' mill-inqas żewġ djalogi ta' implimentazzjoni fis-sena mal-partijiet ikkonċernati.

L-implimentazzjoni hija ċentrali għall-kompetittività Ewropea. Il-kisba tal-oġġettivi tagħna, u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħna dwar l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli jistgħu jgħibu perkors ta' dekarbonizzazzjoni kosteffiċjenti għall-Ewropa billi jagħmlu l-ekonomiji tagħna inqas dipendenti fuq l-importazzjonijiet, jintegraw sorsi ta' enerġija rinnovabbli orħos biex jaħsdu l-benefiċċji sħaħ tagħhom, u jindirizzaw il-faqar enerġetiku. Barra minn hekk, ir-riforma reċenti tat-Tfassil tas-Suq tal-Elettriku tinkludi miżuri li se jżidu l-istabbiltà tal-prezzijiet u l-prevedibbiltà għall-investituri u jipprovdu għodod biex jattiraw investimenti biex is-sistema tal-enerġija ssir interkonnessa aħjar għall-Ewropa kollha u aktar flessibbli.

Unjoni tal-Enerġija robusta teħtieġ approċċ aħjar, aktar sempliċi, aktar effettiv u kosteffiċjenti u governanza. Dan huwa kruċjali biex inwettqu b'mod kollettiv l-ambizzjonijiet tagħna dwar il-klima u l-enerġija, niżguraw il-provvisti tal-enerġija u nipprovdu enerġija aktar affordabbli għan-negozji u għall-konsumaturi. Neħtieġu sħubija mal-Istati Membri biex niżguraw ipplanar aħjar u deċiżjonijiet ta' politika kkoordinati, filwaqt li ntejbju l-monitoraġġ, it-trasparenza u s-sjieda tal-politika. Il-pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima jeħtieġ li jipprovdu ċertezza mtejbja biex jiskattaw l-investimenti massivi meħtieġa għat-tranżizzjoni tal-enerġija. Għal dan l-għan, se naġġorna u nissimplifika l-Governanza eżistenti tal-Unjoni tal-Enerġija, filwaqt li naħdem mal-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Zero Netti u t-Tkabbir Nadif. Se nivvaluta wkoll bir-reqqa u naħdem mal-membri rilevanti tal-Kulleġġ, b'mod partikolari mal-Kummissarju għall-Ekonomija u l-Produttività; l-Implimentazzjoni u s-Simplifikazzjoni, biex tinkiseb aktar simplifikazzjoni u jsir l-aħjar użu mis-sinerġiji mal-Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività mħabbra fil-Linji Gwida Politiċi.

In-newtralità teknoloġika hija kunċett ċentrali, integrali għal-libertà tal-Istati Membri biex jagħżlu t-taħlita enerġetika tagħhom f'konformità mat-Trattati tagħna. Se jkunu meħtieġa s-soluzzjonijiet kollha tal-enerġija rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Il-projezzjonijiet juru settur tal-enerġija dekarbonizzat sal-2040. Il-biċċa l-kbira hija pplanata li tiġi minn enerġija rinnovabbli b'kontribut konsiderevoli mill-enerġija nukleari. Reatturi Modulari Żgħar għandhom il-potenzjal li jipprovdu elettriku u tisħin b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni mhux biss tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, iżda wkoll ta' setturi b'emissjonijiet li diffiċli jitrażżnu bħat-trasport, l-industrija tal-kimika u tal-azzar. F'konformità mal-ittra ta' missjoni tiegħi, se nappoġġja l-aċċellerazzjoni tal-iżvilupp u t-tħaddim ta' Reatturi Modulari Żgħar fl-Ewropa matul is-snin 2030, filwaqt li nibni fuq l-Alleanza Industrijali Ewropea għar-Reatturi Modulari Żgħar. Kwalunkwe użu futur tal-enerġija nukleari se jkompli jkun kundizzjonali fuq il-konformità mal-istandards l-aktar stretti tas-sikurezza nukleari, kif ukoll ir-rimi sikur tat-tipi kollha ta' skart nukleari u fjuwil użat.

Il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" jiffavorixxi tħaddim aktar intelliġenti u effiċjenti tas-sistema tal-enerġija fuq l-espansjoni. Il-Kummissjoni diġà żviluppata gwida speċifika għal kull settur, fosthom dak tal-industrija, l-enerġija, it-trasport u s-settur finanzjarju, biex tgħin lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jivvalutaw alternattivi effiċjenti fl-enerġija flimkien ma' għażliet oħra. L-industrija teħtieġ kostijiet tal-enerġija u tal-produzzjoni aktar baxxi li jistgħu jinkisbu billi jiġu applikati proċessi industrijali aktar effiċjenti fl-enerġija u teknoloġikament avanzati. Dan inaqqs il-kostijiet, jikkontribwixxi għal aktar tkabbir, jattira klijenti u investituri ġodda u jżid il-kompetittività industrijali. L-elettrifikazzjoni se tkun mezz ewlieni biex tkompli tiżdied l-effiċjenza enerġetika.

Matul il-ħames snin li ġejjin, l-Ewropa se jkollha bżonn tintegra diversi elementi tas-sistema tal-enerġija eż. il-provvista tal-elettriku u tat-tisħin, l-idroġenu, il-flessibbiltà, l-effiċjenza enerġetika u s-setturi tal-użu finali. L-oġġettiv huwa li titħaffef id-dekarbonizzazzjoni u li s-sistema ssir aktar effiċjenti u kompetittiva billi jiġu sfruttati s-sinerġiji kollha. L-oġġettiv ġenerali se jkun li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn emissjonijiet zero netti titħaddem b'sistema tal-enerġija integrata b'elettriku nadif u domestiku. Aktar diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u l-ingranaġġ tal-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali huma kruċjali, u, għal dan l-għan, se nippreżenta Pjan Direzzjonali strateġiku għad-diġitalizzazzjoni u l-IA fis-settur tal-enerġija.

Madankollu, it-tranżizzjoni tal-enerġija ma tistax tirnexxi sakemm ma niżgurawx li ċ-ċittadini verament jibbenefikaw minnha u jipparteċipaw fiha: ħadd mhu se jitħalla lura. It-tisħiħ tal-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini se jkun aspett ewlieni tal-ħidma tiegħi. Jeħtieġ li nindirizzaw it-tfassib taċ-ċittadini dwar l-affordabbiltà tal-enerġija, l-impjiegi, iż-żieda fil-kostijiet tal-akkomodazzjoni u tat-tisħin. Din se tkun prijorità biex titwettaq it-tranżizzjoni tal-enerġija. Il-Kummissjoni se tippreżenta Pakkett dwar l-Enerġija għaċ-Ċittadini, biex tgħin tiżgura li l-Ewropej jibbenefikaw mit-tranżizzjoni tal-enerġija, kemm individwalment kif ukoll fi ħdan il-komunitajiet.

7. X'inhuma l-pjanijiet tiegħek għar-rieżami tal-qafas tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija? X'nistgħu nitgħallmu mill-gwerra fl-Ukrajna? Liema strateġija se tippromovi biex tkompli d-diversifikazzjoni lil hinn minn fornituri u rotot ta' provvista dominanti jew mhux affidabbli? X'inizjattivi qed tipprevedi biex tippoteġi l-provvista tal-enerġija minn theddid fiżiku u ċibernetiku? X'passi se tiegħu biex tnaqqas id-dipendenza fuq fornituri esterni filwaqt li ssaħħaħ l-enerġija nadifa u l-infrastruttura kritika fl-UE, inkluż l-iżvilupp tal-ekonomija tal-idroġenu u l-provvista suffiċjenti tiegħu? Xi rwol tara għall-Bank Ewropew tal-Idroġenu? Kif tfassal strateġija tal-Unjoni dwar il-flessibbiltà, inklużi r-rispons u l-ħżin min-naħa tad-domanda? Kif se tindirizza l-isfida tal-volatilità tal-provvista tal-enerġija assoċjata maż-żieda fil-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli? Kif tivvaluta l-qafas legali eżistenti dwar il-Grilji Ewropej u x'miżuri tippromovi għat-titjib tiegħu? X'azzjonijiet konkreti se tippromovi biex taċċellera l-aġġornament tal-grilji tal-elettriku u tneħħi r-restrizzjonijiet eżistenti fi ħdan u bejn l-Istati Membri, inklużi dawk fil-livell tad-distribuzzjoni, fit-trażmissjoni offshore u fuq distanzi twal ħafna u biex tintlaħaq il-mira ta' kapaċità ta' interkonnnessjoni ta' 15 %? X'inhom l-fehma tiegħek dwar il-finanzjament tal-UE għal proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija u r-rwol tagħhom fil-Fond Ewropew għall-Kompetittività u fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss? X'miżuri qed tipprevedi għall-Pjan ta' Azzjoni għall-Elettrifikazzjoni?

L-UE għandha qafas sod għas-sigurtà tal-provvista, iżda jeħtieġ li jsir aktar sempliċi, u jħares aktar 'il quddiem. Għandu wkoll jiġi estiż biex jindirizza r-riskji emerġenti għall-infrastruttura kritika, it-tibdil fil-klima, iċ-ċibersigurtà, u t-theddid fiżiku. Ir-rieżami jipprovdi opportunità f'waqtha biex naġġornaw il-qafas tagħna.

It-tagħlimiet meħuda mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna jeħtieġ li jkunu fil-qalba tal-azzjoni futura tagħna. Switilna ħafna t-tagħlima li ħadna dwar il-periklu li nkunu dipendenti fuq fornitur tal-enerġija mhux affidabbli, ir-Russja, li fl-aħħar mill-aħħar użat l-enerġija bħala arma. Qed nimxu lejn sistema tal-enerġija aktar dekarbonizzata, elettrifikata u integrata, u jeħtieġ li niżguraw immaniġġjar aħjar tar-riskji transsettorjali. Biex ittaffi t-tfikkil, l-UE jeħtiġilha tipprijoritizza l-preparatezza u l-koordinazzjoni, filwaqt li tippromovi d-diversifikazzjoni tal-provvista, it-tnaqqis fid-domanda għall-gass u l-ħżin effiċjenti, flimkien mal-interkonnnessjonijiet transfruntiera. Ir-rieżami tal-qafas eżistenti jeħtieġ li jippermetti eliminazzjoni gradwali ordnata u affordabbli mill-fjuwils fossili, jaċċellera alternattivi aktar sostenibbli u prodotti domestikament, kif ukoll jisfrutta l-potenzjal tal-miżuri min-naħa tad-domanda. Fir-rigward tal-protezzjoni tal-provvista tal-enerġija minn theddid fiżiku u ċibernetiku, se naħdmu mill-qrib mal-Istati Membri, filwaqt li nibnu fuq il-progress li sar bit-testijiet tal-istress tal-infrastruttura, it-Task Force UE-NATO dwar ir-reżiljenza, u r-regoli obbligatorji dwar iċ-ċibersigurtà għall-elettriku.

Id-diversifikazzjoni tal-provvista u r-rotot, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-enerġija nadifa, l-effiċjenza enerġetika, kif ukoll l-approfondiment tas-suq intern tal-enerġija huma kruċjali għas-settur tal-enerġija u l-ekonomija reżiljenti tal-Ewropa. L-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. Se jkollna bżonn inkomplu nsaħħu l-interkonnnetturi, fejn meħtieġ, u ntejbu l-ħżin tal-enerġija. Se nkomplu wkoll nagħtu spinta lill-produttjoni domestika tal-bijogass u tal-bijometan.

Il-Kummissjoni ressqet l-ewwel mekkaniżmu ta' aggregazzjoni tad-domanda għall-gass, AggregateEU. Dan tejjeb it-trasparenza tas-suq u pprova għażliet alternattivi ta' provvista biex jiġi sostitwit il-gass Russu. Abbażi ta' dawn l-ewwel passi, l-aggregazzjoni tad-domanda se tiġi estiża għal prodotti oħra bħall-idroġenu u komoditajiet oħra bħall-materja prima kritika.

Jeħtieġ ukoll li niffukaw fuq is-sigurtà tal-provvista fl-industrija nukleari tal-UE, fejn id-diversifikazzjoni taċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari fl-istadji kollha hija ta' importanza kbira. Id-dipendenza fuq ir-Russja tkopri l-forniment ta' spare parts u s-servizzi ta' manutenzjoni, kif ukoll is-servizzi ta' konverżjoni u arrikkiment. Se nivvaluta jekk il-pjan direzzjonali lejn it-tmim tal-importazzjonijiet tal-enerġija Russi jistax jinkludi l-katina tal-provvista nukleari sħiħa biex tiġi żgurata l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE. Għal dak l-għan, is-servizzi tal-Kummissjoni se jinvolvu ruħhom mal-utilitajiet u mal-Istati Membri għad-diversifikazzjoni tal-provvista u għall-akkwist ta' prodotti fl-industrija nukleari ċivili Ewropea.

L-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju se jkun kruċjali għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi fejn l-elettrifikazzjoni hija aktar diffiċli. F'dan ir-rigward, l-enfasi tagħna se tkun fuq l-implimentazzjoni tal-miżuri li sar qbil fuqhom reċentement, bħall-miri għall-użu tal-idroġenu rinnovabbli fl-industrija u fit-trasport. Il-qafas leġiżlattiv, flimkien ma' appoġġ finanzjarju, jista' jstimula l-produzzjoni u l-ħruġ, filwaqt li l-proċess tal-ippjanar tal-infrastruttura tagħna jista' jiffaċilita l-iżvilupp ta' network Ewropew tal-idroġenu kkoordinat tajjeb. Biex tibqa' kompetittiva, l-industrija tal-UE se teħtieġ kemm produzzjoni robusta tal-idroġenu fl-UE, kif ukoll importazzjonijiet minn sħab internazzjonali. Għalhekk, u f'konformità mad-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli, se nmexxu 'l quddiem l-azzjoni għall-idroġenu importat u domestiku.

Il-Bank Ewropew tal-Idroġenu se jagħti spinta lill-espansjoni tas-suq għal fjuwils aktar nodfa billi jnaqqas id-distakk bejn il-kostijiet tal-produzzjoni tal-idroġenu nadif – li għadhom għoljin wisq – u l-kapaċità tal-industrija li tħallas. Filwaqt li nibni fuq l-esperjenza s'issa, se naħdem mal-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif fuq irkanti futuri biex nappoġġa l-produzzjoni domestika tal-idroġenu nadif. Barra minn hekk, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, se nħaffu x-xogħol fl-iżvilupp tal-komponent internazzjonali tal-Bank tal-Idroġenu biex niffaċilitaw l-importazzjonijiet u noħolqu opportunitajiet ekonomiċi fil-pajjiżi sħab.

Barra minn hekk, hemm ukoll rwol għall-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju (CCUS, carbon capture, utilisation and storage) biex jiġu dekarbonizzati s-setturi diffiċli biex jitrażżnu, se naħdem flimkien mal-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif dwar il-kundizzjonijiet qafas it-tajba biex dan iseħħ, filwaqt li niffoka wkoll fuq l-infrastruttura tas-CO₂.

Soluzzjonijiet ta' flessibilità, kemm għall-ħżin kif ukoll għar-rispons għad-domanda, huma meħtieġa biex tiżdied l-effiċjenza tas-sistema tal-enerġija tagħna u jiġu integrati aħjar is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u b'hekk jitnaqqas l-kostijiet tal-enerġija. L-użu usa' tagħhom se jkun ta' benefiċċju kemm għall-konsumaturi domestiċi kif ukoll għall-konsumaturi industrijali billi jnaqqas il-volatilità tal-prezzijiet u bir-restrizzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli għaljin kif ukoll billi jottimizza l-investimenti fil-grilja. Jeħtieġ li nindirizzaw l-ostakli għal użu ferm usa' tal-flessibilità biex naċċelleraw l-investimenti f'dawn is-soluzzjonijiet u nigwidaw lill-Istati Membri.

Biex nixprunaw l-elettrifikazzjoni, Pjan ta' Azzjoni għall-Elettrifikazzjoni jista' jiggwida l-ħidma biex jitneħħew l-ostakli u jitħaffew l-aċċess għall-elettriku kemm għall-industrija kif ukoll għall-unitajiet domestiċi li għadhom qed jużaw il-fjuwils fossili għat-tiġin, għat-trasport u għal enerġija oħra.

Bħala Kummissarju għall-Enerġija u l-Akkomodazzjoni, se niffoka ħafna fuq l-estensjoni u t-tiġib tal-grilji tagħna biex niżgura tranżizzjoni effiċjenti mill-fjuwils fossili għall-enerġija nadifa. Flimkien mal-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif, se naħdem biex jitnaqqas u jiġi eliminat gradwalment l-użu tas-sussidji għall-fjuwils fossili. Neħtieġu implimentazzjoni rapida u robusta tal-proġetti infrastrutturali transfruntiera ewlenin kif ukoll tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Grilja b'azzjonijiet konkreti biex naċċelleraw l-aġġornament u l-bini tal-grilji tal-elettriku, inkluż fil-livell tad-distribuzzjoni. Dan huwa ta' importanza kbira wkoll fid-dawl li tintlaħaq il-mira ta' interkonnessjoni ta' 15 %.

Dan se jibni fuq valutazzjoni tal-qafas legali eżistenti dwar il-grilji biex jidentifika miżuri li jottimizzaw l-ippjanar tan-network fl-Istati Membri kollha, iħaffu l-permessi, jiżguraw l-użu effiċjenti tal-infrastruttura eżistenti, jagħmlu l-grilji aktar intelliġenti kif ukoll jirrazzjonalizzaw u jissimplifikaw il-proċeduri tal-ippjanar. Sabiex jintużaw b'mod effiċjenti l-grilji meħtieġa għat-tranżizzjoni tal-enerġija tagħna, neħtieġu qafas kollaborattiv, kemm lil hinn mill-kosta kif ukoll fuq l-art, abbażi ta' kooperazzjoni reġjonali msaħħa, l-allokazzjoni t-tajba tal-kostijiet u l-benefiċċji kif ukoll mudelli ta' finanzjament innovattivi. Se naħdem ukoll mal-Kummissarju għat-Trasport Sostenibbli u t-Turiżmu biex niżgura li nallinjaw l-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija meħtieġa biex nakkomodaw iż-żieda futura fid-domanda għall-elettriku tat-trasport.

L-investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija nadifa huma prijorità ewlenija għas-snin li ġejjin, kif rifless kemm fir-rapport ta' Draghi kif ukoll f'dak ta' Letta. Biex nappoġġa din il-ħidma, se nipproponi strateġija ddedikata għall-investment fl-enerġija nadifa għall-Ewropa, inkluża inizjattiva ta' tneħħija tar-riskji biex jiġi sfruttat il-kapital privat. Dan se jkun ċentrali għall-isforzi biex tingħata prijorità lill-investment fl-enerġija nadifa, inkluż fl-infrastruttura.

Se niżgura wkoll l-użu tar-riżorsi disponibbli permezz tan-NextGenerationEU u l-baġit attwali. Se niżguraw li nużaw il-qawwa tal-baġit tagħna biex ningranaw u nnaqqas r-riskju tal-investment privat.

8. *X'se jkunu l-elementi ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni għal Prezzijiet tal-Enerġija Affordabbli? X'miżuri speċifiċi se tistabilixxi biex tnaqqas il-prezzijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi, għall-kumpaniji u għall-industriji, speċjalment għall-industriji intensivi fl-enerġija? Kif beħsiebek tkompli tindirizza l-faqar enerġetiku? Kif qed tippjana li testendi l-użu ta' Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija (PPAs) u Kuntratti għal Differenza (CfDs) biex jiġu żgurati prezzijiet kompetittivi? X'inhuma l-pjanijiet konkreti tiegħek għall-ewwel Pjan Ewropew li qatt kien hemm għal Akkomodazzjoni Affordabbli u għall-Istrateġija Ewropea għall-Kostruzzjoni tal-Akkomodazzjoni, meta jitqiesu l-kompetenzi tal-UE u tal-Istati Membri f'dak il-qasam? X'taħseb li huma s-sinerġiji ewlenin bejn il-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli, id-Direttiva dwar l-effiċjenza enerġetika (EED) u d-Direttiva dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (EPBD)? Xi spazju tara li hemm biex jiżdied il-finanzjament għall-effiċjenza enerġetika u r-rinnovazzjonijiet fil-kuntast tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss? Kif beħsiebek issegwi l-għan ta' forniment ta' tisħin u tkessiġ dekarbonizzati u affordabbli? Xi rwol tara għat-tisħin solari, ġeotermali u għat-tisħin distrettwali? Kif se tiżgura li l-miżuri tal-UE jindirizzaw il-kwistjoni tal-iżolazzjoni għal proprjetajiet residenzjali kbar ħafna u għaż-żoni rurali? Kif se tikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida?*

Ix-xokkijiet fil-provvista tal-fjuwils fossili u ż-żidiet qawwija fil-prezzijiet li kkawżaw il-kriżi reċenti tal-enerġija huma tfakkira tal-importanza tal-affordabbiltà tal-enerġija kemm għan-negozji kif ukoll għall-unitajiet domestiċi. Il-kostijiet tal-enerġija qed ixejtku l-kompetittività tal-UE u jnaqqsu l-appoġġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija. It-tnaqqis tal-kostijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji se tkun waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-mandat tiegħi. Il-pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli huwa parti ċentrali mill-Patt għal Industrija Nadifa li għandu jiġi ppreżentat fl-ewwel 100 jum tal-mandat li jmiss tal-Kummissjoni.

It-tnaqqis fil-kostijiet tal-enerġija jirrikjedi l-aċċellerazzjoni tal-introduzzjoni ta' elettriku nadif kompetittiv permezz tat-tneħħija tal-konġestjonijiet fl-infrastruttura u l-ostakli regolatorji, inkluż l-għoti ta' permessi għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli u grilji, u l-effiċjenza enerġetika f'Unjoni tal-Enerġija robusta. Il-Pjan ta' Azzjoni se jsaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija u jagħti spinta lill-investimenti filwaqt li jappoġġa l-industriji, inklużi l-industriji u l-unitajiet domestiċi intensivi fl-enerġija, biex jiżgura aċċess għal enerġija affordabbli. Se jħares ukoll lejn it-tnaqqis tal-kostijiet tas-sistema, it-tisħin tar-rwol tad-diplomazija tal-enerġija tal-Ewropa, it-trawwim tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta għal kulħadd.

L-implimentazzjoni tar-riforma reċenti tat-Tfassil tas-Suq Ewropew tal-Elettriku hija partikolarment importanti biex tingħata spinta lill-aċċess għal enerġija nadifa affordabbli u sigura u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-tranżizzjoni tal-enerġija. Biex naċċelleraw id-diżakkoppjament tal-kontijiet tal-elettriku mill-prezzijiet volatili tal-fjuwils fossili, se naħdmu mill-qrib mal-Istati Membri biex niżguraw li l-appoġġ pubbliku fil-forma ta' kuntratti għad-differenza jkun kompetittiv u favorevoli għas-suq, u jtejjeb id-disponibbiltà ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija, li huma kruċjali speċjalment għall-industriji intensivi fl-enerġija, permezz ta' garanziji u standardizzazzjoni.

L-aċċess għall-enerġija rinnovabbli flimkien ma' effiċjenza enerġetika mtejjba fil-bini se jkunu essenzjali wkoll biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku, li huwa ta' tħassib kbir, anke għall-akkomodazzjoni affordabbli (ara t-tweġiba għall-mistoqsija 4).

Barra minn hekk, jeħtieġ li nindirizzaw iż-żieda fil-kostijiet tas-sistema bħal tariffi tan-network, taxxi u imposti, li llum jirrappreżentaw terz tal-kontijiet tal-elettriku tal-konsumaturi. Flimkien mal-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif se nirrifletti dwar kif jista' jiġi żgurat li t-taxxi ma jkollhomx effett negattiv fuq il-prezzijiet tal-enerġija u fuq il-kompetittività tal-industrija tal-UE, filwaqt li jiġu appoġġati l-oġġettivi ta' tranżizzjoni nadifa. Sabiex jiġu sfruttati bis-sħiħ il-benefiċċji tat-tranżizzjoni tal-enerġija, u jittaffew dawn il-kostijiet, il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Enerġija Affordabbli se jiddeskrivi miżuri biex jiġi mobilizzat l-investment privat, jitejjeb l-ippjanar tan-network, tiżdied id-diġitalizzazzjoni, u jiġi ottimizzat l-użu tal-grilja eżistenti. Dan se jinċentiva wkoll il-flessibbiltà, jipprovdni s-sinjali tal-lokalità t-tajba għall-investimenti fejn huma l-aktar meħtieġa, u jstabilixxi qafas ta' governanza msaħħaħ tas-suq intern tal-enerġija adattat għal sistema Ewropea verament integrata f'Unjoni tal-Enerġija robusta.

Irridu nħaffu l-proġetti li jiġibu l-benefiċċji tal-enerġija nadifa għall-konsumaturi. Jeħtieġ li naħdmu biex inħaffu l-permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, għall-infrastruttura tal-enerġija u għall-ħżin. Filwaqt li s-settur tal-elettriku jibqa' prijorità, id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u tat-tkessiġ se tirrikjedi diversi soluzzjonijiet biex jiġu ssodisfati ċirkostanzi differenti bħall-pompi tas-sħana, it-tisħin termali solari, ġeotermali u distrettwali. Jien impenjat bis-sħiħ li naċċellera dawn is-soluzzjonijiet, filwaqt li naħdem flimkien mal-Istati Membri, mal-industrija u mal-istituzzjonijiet ta' finanzjament.

Il-President fdatni bit-tnejjija tal-ewwel Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli li qatt sar. Għalkemm ir-responsabbiltà primarja għall-politiki dwar l-akkomodazzjoni u l-investimenti fihom tibqa' f'idejn l-Istati Membri, l-istrumenti legali, ta' politika u ta' finanzjament tal-UE jista' jkollhom rwol strateġiku (ara aktar dettalji fil-mistoqsija 3). B'diet l-implimentazzjoni tad-Direttiva riveduta dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija, id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija u d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli. L-Istati Membri qed iħejju Pjanijiet ta' Tisħin u ta' Tkessiħ għall-muniċipalitajiet ikkonċernati, filwaqt li jidentifikaw il-konsumaturi vulnerabbli għal azzjonijiet iddedikati, u Pjanijiet Nazzjonali ta' Rinnovazzjoni tal-Bini, inklużi miżuri nazzjonali li jindirizzaw l-aġħar bini l-ewwel, u qed jipprovdu ppjanar fit-tul li jeħtieġu l-investituri. Dawn l-isforzi jeħtieġ li jkunu parti integrali mill-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli. Barra minn hekk, l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar il-Prodotti għall-Bini se tippermetti lill-manifatturi jformu l-prodotti meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija.

Huwa kruċjali li jiġi attirat aktar finanzjament privat u tittejjeb l-effettività tiegħu biex jiġi żgurat li l-unitajiet domestiċi u l-mikrointrapriżi foqra fl-enerġija jkunu jistgħu jibbenefikaw minn djar, negozji u teknoloġiji effiċjenti fl-enerġija biex inaqqsu l-kontinju tagħhom. Se nevalwaw il-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika flimkien mal-Koalizzjoni Ewropea għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika u nagħmlu mod li l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika jsiru parti integrali mill-Istrateġija ta' Investiment tal-UE għall-Enerġija Nadifa.

Filwaqt li l-bini huwa kruċjali għal tranżizzjoni soċjalment ġusta u sostenibbli, dan jippreżenta wkoll opportunità biex tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur tal-kostruzzjoni. Settur tal-kostruzzjoni dinamiku u b'saħħtu huwa prerekwiżit biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' bini affordabbli u sikur, u għal ambjent mibni b'mod sostenibbli. Bħala parti mill-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli, se niżviluppaw strateġija għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjonijiet biex nappoġġaw il-provvista tal-akkomodazzjoni. Dan jinkludi miżuri biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-bini, tiżdied il-produttività tas-settur tal-kostruzzjoni, tiżdied l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi, bħal rinnovazzjonijiet serjali li jappoġġaw lin-negozji ġodda u innovazzjonijiet soċjali, u tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tal-industrija. B'appoġġ għall-Kummissarju għall-Ambjent, ir-Reżiljenza tal-Ilma u Ekonomija Ċirkolari Kompetittiva, beħsiebni nibni sinerġiji bejn il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB, New European Bauhaus) u l-ħtiġijiet tal-UE għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli, filwaqt li nipromwovi t-tliet valuri ewlenin tagħha – is-sostenibbiltà, l-inklużjoni u l-estetika.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij

9. Kif qed tipprevedi r-reviżjoni tar-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat, flimkien mal-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Ġusta, Kompetittiva u Nadifa biex l-akkomodazzjoni soċjali tgawdi minn miżuri ta' appoġġ għall-akkomodazzjoni? Tikkunsidra toħloq kategorija eżentata, li tkun tinkludi akkomodazzjoni affordabbli għall-kiri minn unitajiet domestiċi b'introjtu medju jew baxx bħala Servizz ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SGEI), u taħt liema kundizzjonijiet?

Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, f'konformità mal-Itra ta' Missjoni tiegħi, se nappoġġa lill-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva fil-kompitu tagħha li tressaq regoli riveduti dwar l-ġhajjnuna mill-Istat biex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri ta' appoġġ għall-akkomodazzjoni, speċjalment għal akkomodazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija u akkomodazzjoni soċjali affordabbli. L-analiżi ta' dawn ir-regoli hija parti minn sett usa' ta' inizjattivi li se jiġu inklużi fil-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli li jmiss. Fit-twettiq ta' dan l-eżerċizzju, se naghntu attenzjoni speċjali biex jinstab il-bilanċ it-tajjeb u jiġi żgurat li kwalunkwe eżenzjoni mir-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat għal akkomodazzjoni affordabbli ma teskludix l-investiment privat jew tfixkel il-kompetizzjoni fis-suq tal-akkomodazzjoni bla bżonn. Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok ara t-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 5 hawn fuq.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

10. X'inhil-viżjoni tiegħek għal Unjoni tal-Enerġija dekarbonizzata? Kif qed tippjana li ssaħħaħ is-sinerġiji bejn is-sigurtà tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet u tirrikonċilja dawn is-sinerġiji mal-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet? Kif se taċċellera l-pass tal-użu tal-enerġija rinnovabbli biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2030 marbuta magħhom, inkluż billi r-REPowerEU jiġi implimentat bis-siħ u d-dewmien fil-ħruġ tal-permessi f'dan ir-rigward jiġi indirizzat? Xi rwol qed tipprevedi għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-Pjan ta' Azzjoni għal Prezzijiet tal-Enerġija Affordabbli? Fil-kuntest tat-tranżizzjoni ġusta, kif se tissimplifika l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali tal-UE fil-qasam tal-bini u l-kostruzzjoni biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi kemm għan-

negozji kif ukoll għall-konsumaturi u kif jistgħu, speċjalment l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, jiġu appoġġjati fir-rinnovazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tad-djar tagħhom, fost l-oħrajn, permezz tal-Fond Soċjali għall-Klima?

Unjoni tal-Enerġija robusta jenħtieġ li tippermetti l-provvista ta' enerġija nadifa affordabbli għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji Ewropej, issaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija, u tiżgura li jkollna tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika sal-2050, bl-atturi kollha abbord. L-użu aċċellerat ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-integrazzjoni tagħhom fis-sistema tal-enerġija jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-enerġija u huma kruċjali biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tagħna b'mod affordabbli, billi jagħmlu l-ekonomiji tagħna inqas dipendenti fuq l-importazzjonijiet u naħsdu l-benefiċċji kollha ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli orfós.

L-elettrifikazzjoni, b'sistema tal-enerġija kompletament dekarbonizzata sal-2040 ibbażata fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli u soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, se tkun l-ixprun ewlieni tat-tranżizzjoni tal-enerġija. L-implimentazzjoni u l-infurzar tal-qafas leġiżlattiv tal-2030 se jkunu l-fokus tagħna, bħala pedament sod għall-qafas tal-2040, u t-tagħlimiet meħuda se jiggwidaw id-deċiżjonijiet futuri. Se naħdem id f'id mal-Viċi President Eżekuttiv għal tranżizzjoni nadifa, ġusta u kompetittiva f'dan il-proċess.

Jeħtieġ li nagħmlu użu aħjar mill-enerġija nadifa rħisa kollha fis-sistema, b'mod partikolari l-enerġija rinnovabbli, u ntejbu l-effiċjenza tas-sistema tal-enerġija kollha kemm hi. Il-ħidma tagħna se jkollha l-għan li tiżgura li l-ambizzjoni tagħna titwettag fil-prattika u li nilħqu l-mira tagħna għall-enerġija rinnovabbli ta' mill-inqas 42,5 %, bl-aspirazzjoni li nilħqu 45 %. Biex il-benefiċċji ta' din il-kapaċità addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli jaslu għand il-konsumaturi, kemm fl-industrija kif ukoll fl-unitajiet domestiċi, se jkollna bżonn ninċentivaw aktar ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija, ikollna użu aktar effiċjenti u bini aktar rapidu ta' infrastruttura tal-grilja modernizzata; niżguraw il-ħruġ aktar rapidu ta' permessi; u disponibbiltà aħjar ta' soluzzjonijiet ta' flessibbiltà, bħall-batteriji u r-rispons min-naħa tad-domanda għal kost ġenerali aktar baxx tas-sistema.

L-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi se tippermetti t-tlestija bikrija tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u se tkun prekundizzjoni biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija rinnovabbli u l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni tagħna. L-ippjanar strateġiku tal-użu tal-enerġija rinnovabbli, inkluż fiż-żoni ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli stabbiliti fid-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli, jiżgura li l-użu reali jmur id f'id mal-protezzjoni ambjentali. Is-soluzzjonijiet ta' benefiċċju għal kulħadd se jkunu bbażati fuq l-użu multiplu tal-ispazji, filwaqt li jikkombinaw il-protezzjoni ambjentali mal-użu tal-enerġija rinnovabbli. Se naħdem mill-qrib fi sħubija mal-Istati Membri biex niżgura li r-regoli l-ġodda tagħna biex intejbu l-ippjanar u nħaffu l-ħruġ tal-permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jiġu implimentati malajr. Qed nibdew naraw żviluppi pożittivi fil-prattika, speċjalment fl-Istati Membri li jagħmlu użu mir-regoli l-ġodda dwar il-ħruġ tal-permessi, iżda se neżamina wkoll aktar ideat biex jitħaffef il-ħruġ tal-permessi, b'mod partikolari għall-infrastruttura meħtieġa għall-integrazzjoni kosteffettiva tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-enerġija.

Fil-kuntest tat-tranżizzjoni ġusta, ir-rinnovazzjoni tal-bini hija opportunità ewlenija biex jitnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija. Pereżempju, l-Istati Membri se jkollhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet u l-proċeduri għall-finanzjament pubbliku jiġu ssimplifikati. Għall-ġejjieni, il-gwida dwar l-implimentazzjoni tar-riformulazzjoni tar-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija tista' tgħin biex isir aktar djalogu mal-awtoritajiet nazzjonali.

Mill-2026, se jsiru disponibbli investimenti f'akkomodazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija, inkluż permezz ta' rinnovazzjonijiet u adattament għal skop ġdid ta' akkomodazzjoni soċjali mhux residenzjali jew affordabbli, mill-Fond Soċjali għall-Klima. Dan il-fond se jkun rilevanti ħafna għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, għall-utenti tat-trasport vulnerabbli u għall-mikrointrapriżi vulnerabbli. Għalhekk, permezz tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tagħhom, l-Istati Membri se jistabbilixxu miżuri strutturali u investimenti, u appoġġ dirett temporanju possibbli għall-introjtu, għall-benefiċċju tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli u jgħinu fit-titjib tal-effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet tagħhom jew fid-dekarbonizzazzjoni tagħhom. L-immappjar aħjar tal-isfidi, l-indirizzar ulterjuri tal-ostakli għar-rinnovazzjoni u għall-kostruzzjoni u l-identifikazzjoni ta' miżuri ta' simplifikazzjoni skont il-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli se jikkontribwixxu għall-evidenza u l-azzjonijiet.

Mistoqsija mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

11. Kif ġie ssottolinjat fl-ittra ta' missjoni tiegħek, il-kwalità u l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni hija kwistjoni ewlenija għal miljuni ta' nies fl-Ewropa. Kif qed tippjana li tiżviluppa l-Istrateġija għall-Kostruzzjoni tal-Akkomodazzjoni, b'mod partikolari rigward l-implimentazzjoni tas-suq intern għall-prodotti tal-kostruzzjoni u rigward diġitalizzazzjoni aħjar fis-settur tal-kostruzzjoni biex l-akkomodazzjoni tiġi appoġġjata u l-kwalità u s-sostenibbiltà tal-provvista tal-akkomodazzjoni jitjiebu? Minbarra t-titjib tal-provvista tal-akkomodazzjoni, kif se tindirizza l-kwistjonijiet sistematiċi tal-kirjiet għal żmien qasir filwaqt li tqis ir-Regolament dwar il-Kiri għal Żmien

Qasir li ġie miftiehem reċentement, id-Direttiva dwar is-Servizzi kif ukoll is-sussidjarjetà tal-Istati Membri, u tiżgura użu effiċjenti u aċċessibbli tal-istokk tal-akkomodazzjoni attwali?

L-istrateġija għall-kostruzzjoni tal-akkomodazzjonijiet se tkun pilastru ewlieni tal-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli. Tabilħaqq, kwalunkwe miżura biex jittejjeb l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli se tirrikjedi li tingħata spinta lill-provvista tal-akkomodazzjoni. Mingħajr approċċ komprensiv, nirriskjaw li nkomplu nżidu l-prezzijiet tal-akkomodazzjoni, u nħallu d-defiċit akut fil-produttività u l-kompetittività fis-settur tal-kostruzzjoni mhux indirizzat.

Il-provvista tal-akkomodazzjoni mhijiex biżżejjed biex tissodisfa d-domanda, u dan jirriżulta fi prezzijiet għoljin u li qed jogħlew u nuqqas ta' affordabbiltà għaċ-ċittadini. Il-kostruzzjoni ġdida u r-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjonijiet naqsu b'3 % fl-2023 u huma mistennija li jonqsu b'6 % oħra fl-2024. Il-kostijiet tal-kostruzzjoni ta' bini residenzjali ġdid żdiedu b'34 % bejn l-2018 u l-2023, peress li l-kostijiet oġhla tal-materjali u tal-manodopera mhumiex ikkumpensati minn titjib fl-effiċjenza u l-industrija tal-kostruzzjoni ġeneralment taħdem b'modi li jirrikjedu ħafna haċċiema. B'riżultat ta' dan, l-industrija hija kkaratterizzata minn produttività baxxa u saħansitra li qed tonqos (30 % inqas mis-settur tal-manifattura), adożzjoni baxxa tal-innovazzjoni u impatt ambjentali għoli. L-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni jistgħu jwasslu għal titjib sinifikanti fl-effiċjenza u jżidu l-produttività, jgħinu biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-kostruzzjoni u jtejjbu l-prestazzjoni ambjentali tal-kostruzzjoni.

F'dan il-kuntest, l-istrateġija l-ġdida għall-kostruzzjoni tal-akkomodazzjoni tista' tesplora għadd ta' elementi, inkluż: (1) L-iżvilupp ta' standards ġodda għall-prodotti għall-kostruzzjoni biex jappoġġaw l-innovazzjoni u t-teknoloġiji u t-tekniki industrijali biex il-manifatturi jkunu jistgħu jaħsbu l-benefiċċji kollha tas-Suq Uniku; (2) Id-diġitalizzazzjoni tal-istadji kollha tal-ippjanar, tad-disinn, tal-ħruġ ta' permessi u tal-kostruzzjoni biex jitejjbu u jitħaffu l-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjonijiet; (3) It-tixrid tal-aħjar prattiki regolatorji u tal-industrija biex jiġu appoġġati l-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali, u atturi oħra fl-ekosistema tal-kostruzzjoni; (4) It-titjib tal-aċċess għas-servizzi tal-kostruzzjoni fl-UE kollha, sabiex l-ekosistema tal-kostruzzjoni tkun tista' tirrealizza l-potenzjal konsiderevoli tagħha ta' integrazzjoni ekonomika fis-Suq Uniku; (5) It-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol tagħna, inkluż b'ħiliet diġitali u ekoloġiċi, biex tiżdied il-produttività u tiġi ssodisfata d-domanda għolja għal djar u rinnovazzjonijiet ġodda.

Fir-rigward tal-kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir, nirrikonoxxi l-impatti li x-xejriet reċenti tas-suq jista' jkollhom fuq l-akkomodazzjoni affordabbli u l-popolazzjonijiet lokali, kemm f'termini ta' żbilanċi kif ukoll ta' opportunitajiet. Huwa evidenti li reġjuni jew viċinati differenti jistgħu jesperjenzaw pressjonijiet differenti mid-domanda lokali u turistika u jkollhom ħtiġijiet differenti. Se naħdmu flimkien mal-Istati Membri u mal-pjattaformi biex niżguraw implimentazzjoni rapida u effettiva tar-Regolament, sabiex l-awtoritajiet fl-UE jkun jista' jkollhom aċċess għal data preċiża u aġġornata dwar l-attività ta' kiri għal żmien qasir. Dan għandu jippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi jimmaniġġjaw is-swieq tal-kiri għal żmien qasir b'mod immirat, ibbażat fuq l-evidenza u proporzjonat fid-dawl tal-kundizzjonijiet lokali. Barra minn hekk, f'konformità mal-Ittra ta' Missjoni tiegħi u flimkien ma' membri rilevanti oħra tal-Kulleġġ, se nkompli nesplora x'jista' jsir biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet sistemiċi bil-kiri ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir. Se nimpenja ruħi aktar mal-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati biex nesploraw l-aħjar triq 'il quddiem għal din il-kwistjoni importanti.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

12. Waħda mir-responsabbiltajiet tiegħek se tkun l-iżvilupp ta' "Strateġija Ewropea għall-Kostruzzjoni tal-Akkomodazzjoni". Kif beħsiebek tibbilanċja t-tnaqqis tal-ispejjeż tal-kostruzzjoni mat-titjib tal-prestazzjoni ambjentali tal-bini? X'tip ta' inizjattivi tissuġġerixxi biex tiżdied il-produttività tas-settur tal-kostruzzjoni? Il-kamp ta' applikazzjoni tal-finanzjament mill-politika ta' koeżjoni huwa limitat ħafna għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika fl-akkomodazzjoni, għall-promozzjoni tal-inklużjoni ta' komunitajiet emarġinati, għall-infrastruttura tal-akkomodazzjoni għal persuni taħt "protezzjoni internazzjonali" jew li japplikaw għal "protezzjoni internazzjonali". Fil-qafas tal-"Pjan Ewropew għall-Akkomodazzjoni Affordabbli" l-ġdid u apparti li jiġi rduppjat il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, x'miżuri addizzjonali tippromponi biex tippromwovi l-kostruzzjoni ta' "akkomodazzjoni affordabbli għal kulħadd"? X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar ir-reviżjoni tar-regoli tal-UE dwar l-għajjuna mill-Istat għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEI) li japplikaw għall-akkomodazzjoni soċjali? Fl-aħjar nett, x'sinerġiji qed tippjana li tiżviluppa bejn il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, l-appoġġ tal-BEI, u programmi oħra tal-UE bħal InvestEU jew il-Fond Soċjali għall-Klima biex jiġu żgurati soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni fit-tul li ma jkunux biss affordabbli iżda wkoll sostenibbli mil-lat ambjentali u enerġetiku?

Il-bini huwa responsabbli għal 40 % tal-konsum tal-enerġija tal-Ewropa u jiġġenera gassijiet serra mhux biss tul il-ħajja tiegħu, iżda wkoll matul il-kostruzzjoni u d-demolizzjoni. L-introduzzjoni ta' standards tal-enerġija għal kostruzzjonijiet għodda fis-snin 1980 kellha effett impressjonanti. Bis-saħħa ta' dawk ir-rekwiżiti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, il-konsum tal-enerġija fil-bini ġdid tal-lum naqas bin-nofs. Iżda dan irid jitjieb aktar jekk irridu niksbu emissjonijiet żero netti fil-livell tal-Unjoni sal-2050, impenn li rrid inwettaq. Minbarra bini ġdid ta' prestazzjoni għolja, żieda fir-rata ta' rinnovazzjoni – li bħalissa għadha 'l bogħod mill-mira ta' 3 % fis-sena biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi u enerġetiċi tal-Ewropa – mhux biss se tnaqqas il-konsum tal-enerġija, iżda se ttejjeb ukoll il-kundizzjonijiet tal-għajxien ta' ħafna Ewropej, tnaqqas id-dipendenza enerġetika tal-UE, u tagħmel il-kontinuità tal-enerġija aktar affordabbli. Barra minn hekk, il-kostruzzjoni u d-demolizzjoni jirrappreżentaw l-akbar sors ta' skart tal-Ewropa, u jiġġeneraw 37 % tat-total.

Għalhekk jeħtieġ li naċċelleraw ir-rinnovazzjonijiet, b'mod li jkun kosteffettiv u li jkollu impatt ambjentali baxx. Se nappoġġa lill-Istati Membri biex jinvestu fir-rinnovazzjoni enerġetika tal-bini, filwaqt li nagħti prijorità lil dawk bl-aġġar rendiment. "L-aġġar bini l-ewwel" huwa prinċipju ewlieni fid-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini mod Użu tal-Enerġija, u huwa l-mod kif jiġu massimizzati l-benefiċċji u l-impatti tar-rinnovazzjonijiet u l-aktar mod effiċjenti biex jintefqu l-flus pubbliċi. Fl-istrateġija l-ġdida għall-kostruzzjoni tal-akkomodazzjoni, nistgħu pereżempju nimmiraw li nappoġġaw l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni, inklużi approċċi industrijali innovattivi bħall-kostruzzjoni mhux fuq il-post li jżidu l-produttività tas-settur u jgħinu biex jitnaqqas il-kost tal-kostruzzjoni (ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsija 11). Se nesplora wkoll, flimkien mal-Membri rilevanti tal-Kulleġġ u l-Istati Membri, kif jista' jtejjeb id-disinn u jiġi diġitalizzati l-użu tal-awditi ta' qabel id-demolizzjoni (imsejħa wkoll "awditi dwar l-iskart") li għandhom jitwettqu qabel ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni jew demolizzjoni, biex jiġu identifikati materjali li jistgħu jergħu jintużaw u jiġu riċiklati, u biex jiġu immaniġġjati s-sustanzi perikolużi.

Barra minn hekk, in-nuqqasijiet ta' materjali jistgħu jittaffew billi jittejjbu l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ċirkolari, jiġu diversifikati l-provvisti, u jintużaw l-aktar materjali avvanzati, u b'hekk jitnaqqsu d-dipendenzi tagħna fuq il-materja prima, u titrawwem l-innovazzjoni. Ir-Regolament il-ġdid dwar il-Prodotti għall-Bini se jiffaċilita dan billi jaġġorna aktar minn 400 standard Ewropew għall-prodotti tal-kostruzzjoni. Il-prodotti introdotti fis-suq bl-istandards Ewropej armonizzati aġġornati se jkun fihom informazzjoni affidabbli u diġitali. Dan jinkludi *data* ambjentali bħall-impronta tal-karbonju kif ukoll informazzjoni dwar il-kontenut riċiklat, il-manifattura mill-ġdid, u t-tiswija. Se jkun hemm standards speċifiċi għall-prodotti użati biex jinholq suq uniku għall-użu mill-ġdid tal-prodotti tal-kostruzzjoni.

Il-Politika ta' Koeżjoni diġà qed tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tiġib tas-settur tal-akkomodazzjoni tal-UE, inkluż billi tagħmlu aktar affordabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni diġà qed jiffinanzjaw il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' djar affordabbli, itejbu l-effiċjenza enerġetika, u jappoġġaw l-iżvilupp urban. Barra minn hekk, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta qed jgħin lir-reġjuni fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika billi jipprovdi akkomodazzjoni għall-ħaddiema spostati, fost affarijiet oħra. Qed naċċelleraw dawn l-investimenti bi strumenti finanzjarji innovattivi, inkluż self u għotjiet mill-Bank Ewropew tal-Investment, appoġġati minn inizjattivi bħall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Se nappoġġa wkoll lill-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva fil-kompitu tagħna li tressaq regoli riveduti dwar l-għajnuna mill-Istat biex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri ta' appoġġ għall-akkomodazzjoni, speċjalment għall-akkomodazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija u soċjali affordabbli (ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsija 9). Kif issuġġerit fl-Ittra ta' Missjoni, se nappoġġa lill-Viċi President Eżekuttiv għall-Koeżjoni u r-Riformi fil-ħidma fuq proposta li tippermetti lill-Istati Membri jirdupplaw l-investment ta' koeżjoni tagħhom f'akkomodazzjoni affordabbli.

Barra minn hekk, sabiex nippromwovi "akkomodazzjoni affordabbli għal kulħadd", se nikkooopera mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Koeżjoni u r-Riformi, il-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva, u l-Kummissarju għall-Ekonomija u l-Produttività biex niżgura li nipprovdu soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni fit-tul li jkun kemm affordabbli kif ukoll sostenibbli. L-isforzi konġunti tagħna se jinkludu ħidma mal-Bank Ewropew tal-Investment biex tiġi żviluppata Pjattaforma ta' Investment Pan-Ewropea biex jiġi sfruttat l-investment privat u pubbliku f'akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli (ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsija 3).

Se naħdmu wkoll mal-banek u l-investituri finanzjarji fi ħdan il-Koalizzjoni Ewropea għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika biex nidentifikkaw miżuri biex intejbu l-effettività tal-investimenti tagħna u nżidu l-investimenti privati. Il-pożizzjoni tiegħi dwar il-bidliet fir-regoli tas-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali għet iddetaljata fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 5.

Fl-aħħar nett, taħt it-tmexxija tal-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva, il-kollegi tiegħi fil-Kulleġġ – b'mod partikolari l-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza flimkien mal-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif – se jipprovdu investiment u finanzjament permezz tal-Fond Soċjali għall-Klima. Dan se jindirizza l-kwistjonijiet li jiffaċċjaw l-unitajiet domestiċi vulnerabbli affettwati mill-faqar enerġetiku u tat-trasport.

Dan l-approċċ se jiżgura li l-politiki tal-akkomodazzjoni tagħna jilhqqu l-għanijiet tal-UE kollha u jipprovdu impatti konkreti u pożittivi fil-prattika.